



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 12 ta' Mejju 2014
(OR. en)**

9605/14

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0165 (COD)**

LIMITE

**ENT 119
MI 411
CODEC 1233**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	9015/14 ENT 113 MI 379 CODEC 1118 11124/13 ENT 194 MI 558 CODEC 1506
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-iskjerament tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE - Approċċ Ġenerali(*) (*)Meta jadotta Approċċ Ġenerali wara li l-Parlament Ewropew ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwl qari, il-Kunsill mhux qed jaġixxi skont it-tifsira tal-Artikolu 294(4) u (5) TFUE.

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-13 ta' Ġunju 2013 il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq għal Regolament, flimkien mal-proposta għal Deċiżjoni rispettiva¹, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Iż-żewġ proposti għandhom l-għan li jiżguraw l-użu tas-servizz tas-sejħa ta' emerġenza (eCall) ibbażat fuq il-112 fl-Unjoni kollha.

¹ Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha (dok. 11159/13 TRANS 338 CODEC 1516).

2. Il-proposta għal Regolament tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura. Hija teħtieġ li t-tipi l-ġodda ta' karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief jiġu mibnija b'tali mod li jiżguraw li f'każ ta' aċċident gravi, sejħa ta' emerġenza (eCall) lin-numru ta' emerġenza 112 tiġi attivata awtomatikament jew manwalment. Minħabba n-natura tal-informazzjoni li qed tiġi pprovduta minn dan is-servizz, il-proposta tistabbilixxi wkoll regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2013.
4. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ressaq l-opinjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fid-29 ta' Ottubru 2013.
5. Il-Parlament Ewropew (ir-relatriċi s-Sinjura Olga SEHNALOVA, S &D, CZ) adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-26 ta' Frar 2014.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) eżamina l-proposta matul sitt laqgħat, ħamsa minnhom matul il-Presidenza attwali. Fl-aħħar laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fis-7 ta' Mejju 2014 id-delegazzjonijiet qablu dwar it-test li jinsab fl-Anness għal din in-Nota, bi ftiit kwistjonijiet pendenti.
7. Sadanittant id-Deċiżjoni dwar l-introduzzjoni ta' eCall interoperabbli fl-UE kollha ġiet adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Mejju 2014 (dok. 8493/14 TRANS 197 CODEC 995 PE 237).

II. BIDLIET PRINĊIPALI GĦAT-TEST

8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika (Vetturi bil-Mutur) emenda t-test tal-Kummissjoni kif ġej:

A. Kjarifika tas-suġġett (Artikolu 1)

Sabiex jiġi deskritt aħjar is-suġġett ta' dan ir-Regolament ġie miżjud li dan jikkonċerna wkoll is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tal-eCall.

B. Kjarifika tal-eżenzjonijiet (Artikolu 2 u Anness)

Ġie speċifikat li l-vetturi prodotti fuq skala żgħira vetturi approvati individwalment u vetturi li għal raġunijiet tekniċi ma jistgħux jiġu armati b'sistema eCall għandhom jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

C. Żieda ta' definizzjonijiet ġodda (Artikolu 3)

Bosta definizzjonijiet ġodda ġew miżjuda fit-test biex ikopru u jiċċaraw termini użati fir-Regolament jew biex jintużaw possibilmint f'atti delegati jew ta' implimentazzjoni fil-futur. Ġew inklużi wkoll definizzjonijiet dwar servizzi ta' partijiet terzi.

D. Possibbiltà ta' servizzi ta' parti terza (Artikolu 5)

F'dan l-Artikolu li jikkonċerna l-obbligi tal-manifatturi ġiet miżjuda dispożizzjoni speċifika li tistipula l-possibiltà għas-sidien tal-vetturi li jużaw servizz ta' parti terza flimkien mas-sistema ta' eCall ibbażata fuq il-112.

E. Kompatibbiltà ma' sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita (Artikolu 5)

Ġie ċċarat li l-manifatturi, flimkien mas-sistemi Galileo u EGNOS, jistgħu jagħżlu wkoll li r-riċevituri tas-sistemi tal-eCall tagħhom jistgħu jkunu kompatibbli wkoll ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita.

F. Aċċess ta' operatori indipendenti (Artikolu 5)

Ġie speċifikat li kemm is-sistema tal-eCall ibbażata fuq in-numru 112 kif ukoll is-sistema ta' servizz ta' parti terza għandhom ikunu aċċessibbli għal tiswija u manutenzjoni għal operatori indipendenti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 715/2007.

G. Regoli dwar l-ipproċessar ta' data (Artikolu 6)

Ġiet miżjuda dispożizzjoni speċifika rigward il-fatt li d-data ma tinżammx lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju għat-tħaddim tas-sistema tal-eCall. Ġie speċifikat ukoll li din id-data m'għandhiex tintuża għall-ebda fini ieħor.

H. Atti ta' implimentazzjoni (Artikoli 9a u 9b)

Peress li ġie deċiż li rekwiżiti dettaljati li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-data għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni minflok atti delegati, l-Artikoli 9a u 9b ġew miżjuda sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni u l-proċedura ta' kumitat rilevanti.

I. Data ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 12)

Id-data tal-applikazzjoni kienet stabbilita għal 36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

J. Emendi tal-Annessi

L-anness ġie emendat sabiex jipprevedi l-eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' vetturi.

III. KWISTJONIJIET PENDENTI

9. Għalkemm it-test attwali tar-Regolament huwa ġeneralment aċċettabbli għad-delegazzjonijiet, għad hemm numru limitat ta' riżervi u suġġerimenti għall-abbozzar.

a) delegazzjoni waħda għandha riżerva ġenerali dwar is-servizzi ta' parti terza, huma jikkunsidraw li s-servizzi ta' parti terza lanqas għandhom jissemmew f'dan ir-Regolament; din id-delegazzjoni għandha riżerva wkoll dwar l-Artikolu 5(2a)(b).

b) delegazzjoni waħda tissuġġerixxi li titħassar il-kelma "kostanti" fl-Artikolu 6(1).

IV. KONKLUŻJONI

10. **Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa, għalhekk, mistieden:**

- jeżamina u jsolvi l-kwistjonijiet pendenti riflessi fl-Anness għal din in-Nota, u
- jippreżenta t-test hekk emendat tal-proposta lill-Kunsill għal qbil dwar approċċ ġenerali.

2013/0165 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jikkonċerna r-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-użu tas-sistema eCall immuntata fil-vettura u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Teżisti sistema komprensiva tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi bil-mutur stabbilita bid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru)³.

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ ĠU L 263, 9.10.2007, p.1.

- (2) Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' għadd kbir ta' elementi ta' sikurezza u ambjentali ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni sabiex jiżguraw livell għoli ta' sikurezza stradali fl-Unjoni kollha.
- (3) Sabiex is-sikurezza stradali tkompli titjieb, il-Komunikazzjoni "eCall: Wasal il-waqt għall-Mobilizzazzjoni"⁴ tipproponi miżuri ġodda biex iħaffu l-użu fl-Unjoni ta' servizz ta' sejħa ta' emerġenza mmuntat fil-vettura. Waħda mill-miżuri proposti hija li jsir obligatorju l-immuntar ta' sistemi ta' eCall fit-tipi ġodda kollha ta' vetturi, u dan jibda jsir mill-kategoriji ta' vetturi M1 u N1 kif iddefiniti fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.
- (4) Fit-3 ta' Lulju 2012, il-Parlament Ewropew approva r-Rapport dwar l-eCall: servizz ġdid 112 għaċ-ċittadini⁵ li jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta fil-qafas tad-Direttiva 2007/46/KE sabiex tiżgura l-użu obligatorju ta' sistema pubblika eCall ibbażata fuq in-numru 112 sal-2015.
- (5) Is-sistema eCall tal-Unjoni mistennija tnaqqas l-għadd ta' fatalitajiet fl-Unjoni kif ukoll is-severità tal-ġrieħi kkawżati minn aċċidenti tat-traffiku. Bl-introduzzjoni obligatorja tas-sistema eCall is-servizz ikun disponibbli għaċ-ċittadini kollha u għalhekk jikkontribwixxi biex inaqas it-tbatija umana, il-kura tas-saħħa u spejjeż oħra.
- (6) Il-provvista ta' informazzjoni preċiża u affidabbli dwar il-pożizzjonament hija element essenzjali tat-tħaddim effettiv tas-sistema eCall immuntata fil-vettura. Għalhekk, huwa adatt li tiġi meħtieġa l-kompatibbiltà tagħha mas-servizzi pprovduti bil-programmi ta' navigazzjoni bis-satellita, li jinkludu s-sistemi stabbiliti skont il-programmi Galileo u EGNOS stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)⁶.
- (7) It-tagħmir obligatorju tal-vetturi bis-sistema eCall immuntata fil-vettura, għall-bidu għandu japplika biss għal tipi ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief il-ġodda (il-kategoriji M1 u N1) li għalihom diġà jeżisti mekkaniżmu adatt li jagħti bidu għall-eCall.
- (8) It-tagħmir obligatorju tal-vetturi bis-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-partijiet interessati kollha bħall-manifatturi tal-karozzi u l-operaturi indipendenti li joffru servizzi addizzjonali ta' emerġenza u/jew ta' valur miżjud, b'mod parallel ma' jew li jkomplu jibnu fuq is-sistema eCall immuntata fil-vettura u bbażata fuq in-numru 112. Madankollu, dawn is-servizzi addizzjonali għandhom jiġu mfassla b'tali mod li ma jtellfux aktar lis-sewwieq.

⁴ COM (2009) 434 finali.

⁵ 2012/2056 (INI).

⁶ ĠU L 196, 24.7.2008, p.1.

- (9) Sabiex tiġi żgurata għażla miftuħa għall-klijenti u kompetizzjoni ġusta, kif ukoll titħeġġeġ l-innovazzjoni u tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija tat-teknoloġija tal-informazzjoni tal-Unjoni fis-suq globali, is-sistema eCall immuntata fil-vettura għandha tkun aċċessibbli mingħajr diskriminazzjoni għall-operaturi indipendenti kollha u bbażata fuq pjattaforma interoperabbli u b'aċċess miftuħ għal applikazzjonijiet jew servizzi li fil-futur jistgħu possibbilment jiġu mmuntati fil-vettura.
- (10) Sabiex tinżamm l-integrità tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip, daww is-sistemi eCall immuntati fil-vetturi li jistgħu jiġu ttestjati kompletament biss għandhom jiġu aċċettati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (11) Il-vetturi ta' serje żgħira **u l-vetturi approvati skont l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2007/46/KE** huma esklużi skont id-Direttiva 2007/46/KE mir-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' impatt frontali u ta' impatt mill-ġenb. Għalhekk, daww il-vetturi għandhom jiġu esklużi mill-obbligu li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-eCall. **Barra minn hekk, uħud mill-vetturi M1 u N1 ma jistgħux ikunu mgħammra b'mekkaniżmu ta' attivazzjoni tal-eCall adatt.**
- (12) Il-vetturi b'għan speċjali għandhom ikunu soġġetti għall-konformità mar-rekwiżiti tal-eCall stabbiliti f'dan ir-Regolament, **fejn il-vettura bażi/inkompleta hija mgħammar bil-mekkaniżmu ta' attivazzjoni meħtieġ.**
- (13) **K**walunkwe pproċessar ta' data personali permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jikkonforma mar-regoli ta' protezzjoni tad-data personali previsti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data⁷ u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika)⁸, b'mod partikolari biex jiggarantixxi li l-vetturi mgħammra b'sistemi eCall mmuntati fil-vetturi, fl-istatus ta' operat normali tagħhom relatat mal-eCall 112, ma jkunux jistgħu jiġu traċċati u mhumix soġġetti għall-ebda traċċar kostanti u li s-sett minimu ta' data mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura jinkludi l-informazzjoni minima meħtieġa għat-trattament xieraq tas-sejħiet ta' emerġenza. **Dan huwa f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Data u li jinsabu fid- 'Dokument ta' ħidma dwar il-ħarsien tad-data u l-implikazzjonijiet għall-privatezza fl-inizjattiva eCall', adottat fis-26 ta' Settembru 2006**⁹.

⁷ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁸ ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

⁹ 1609/06/EN – WP 125.

(13a) Il-manifatturi għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa kollha biex ikun hemm konformità mar-regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(14) L-Organizzazzjonijiet Ewropej għall-Istandardizzazzjoni, l-ETSI u s-CEN, żviluppaw standards komuni għall-użu ta' servizz ta' eCall pan-Ewropew, li għandu japplika għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, peress li dan ser jiffaċilita l-evoluzzjoni teknoloġika tas-servizz ta' eCall immuntat fil-vettura, jiżgura l-interoperabbiltà u l-kontinwità tas-servizz fl-UE kollha, u jnaqqas l-ispejjeż tal-implimentazzjoni għall-Unjoni kollha.

(15) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni dwar is-sistema eCall immuntata fil-vettura, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-**eżenzjoni ta' ċerti vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 mill-obbligu li jinstallaw is-sistemi eCall immuntata fil-vettura u l-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi dettaljati u testijiet għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vettura tagħhom u l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mfassla u mibnija għal tali vetturi.** Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(15a) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar il-protezzjoni tal-privatezza, il-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip KE, is-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip, il-mudell għad-dokumenti ta' informazzjoni, il-mudell għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip KE u l-mudell għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip KE, għandhom jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹⁰.

¹⁰ **ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.**

- (16) Il-manifatturi tal-vetturi għandu jkollhom żmien suffiċjenti biex jadattaw għar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament.
- (17) Dan ir-Regolament huwa Regolament separat ġdid fil-kuntest tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva 2007/46/KE u għalhekk, l-Annessi I, III, IV, VI u XI ta' dik id-Direttiva għandhom jiġu emendati skont dan.
- (18) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ksib tas-suq intern permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi komuni għal vetturi tat-tip approvat ġodda mġhammra bis-sistema eCall immuntata fil-vettura, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġettiv,

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti **ġenerali** għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' vetturi **fir-rigward tas-sistemi eCall immuntati fil-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vettura.**

Artikolu 2
Kamp ta' applikazzjoni

- 1.** Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi tal-kategoriji M1 u N1 kif definiti fil-punti 1.1.1. u 1.2.1. **tal-Parti A** tal-Anness II għad-Direttiva 2007/46/KE **u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati tal-eCall immuntati fil-vettura mfassla u mibnija għal tali vetturi.**

Huwa m'għandux japplika għall-vetturi li ġejjin:

- (a) **vetturi prodotti f'serje żgħira approvati skont l-Artikoli 22 u 23 tad- Direttiva 2007/46/KE;**
- (b) **vetturi approvati f'konformità mal-Artikolu 24 tad-Direttiva 2007/46/KE;**
- (c) **vetturi li minħabba raġunijiet tekniċi ma jistgħux jiġu mġhammra b'mekkaniżmu ta' attivazzjoni tal-eCall, kif determinat f'konformità mal-paragrafu 2.**
- 2.** **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 sabiex tidentifika vetturi jew klassijiet ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 li għal raġunijiet tekniċi ma jistgħux jiġu mġhammra b'mekkaniżmu ta' attivazzjoni tal-eCall adatt, fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż/tal-benefiċċju mwettqa jew imqabbla mill-Kummissjoni u filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sikurezza u tekniċi rilevanti kollha.**

Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament u flimkien mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/46/KE, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (-3) 'eCall' tfisser sejħa ta' emerġenza minn ġol-vettura għan-numru 112, magħmula jew b'mod awtomatiku permezz tal-attivazzjoni ta' sensuri fil-vettura jew b'mod manwali, li għandha sett minimu ta' data u li tistabbilixxi kanal tal-awdjio bejn il-vettura u l-PSAP tal-eCall permezz ta' networks tal-komunikazzjoni mingħajr fili pubbliċi u mobbli;**
- (-2) 'ċentru li jwieġeb għas-sejħiet marbutin mas-sikurezza pubblika' (PSAP) tfisser post fiżiku fejn is-sejħiet ta' emerġenza jaslul l-ewwel taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità pubblika jew organizzazzjoni privata rikonoxxuta mill-Istat Membru;**
- (-1) 'PSAP l-aktar adatt' tfisser PSAP iddefinit minn qabel mill-awtoritajiet biex ikopri sejħiet ta' emerġenza minn żona partikolari jew għal sejħiet ta' emerġenza ta' tip partikolari;**
- (0) 'PSAP tal-eCall' tfisser PSAP l-aktar adatt iddefinit minn qabel mill-awtoritajiet biex jirċievi u jitratta l-ewwel l-eCalls;**

- (1) 'sistema eCall immuntata fil-vettura' tfisser sistema attivata b'mod awtomatiku permezz ta' sensuri mmuntati fil-vettura jew b'mod manwali, permezz ta' networks **pubbliċi** tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili, li twassal sett minimu standardizzat ta' data u li tistabbilixxi kanal tal-awdjo bbażat fuq in-numru 112 bejn l-okkupanti tal-vettura u **PSAP tal-eCall**;
- (2a) 'tagħmir immuntat fil-vettura' tfisser tagħmir immuntat fil-vettura li jipprovdi jew għandu aċċess għad-data meħtieġa biex issir it-tranżazzjoni tal-eCall permezz ta' network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili;
- (2b) 'tranżazzjoni tal-eCall' tfisser l-istabbiliment ta' sessjoni tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili fin-network pubbliku kollu tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili u t-trasmissjoni ta' sett minimu ta' data minn vettura lejn PSAP tal-eCall u l-istabbiliment ta' kanal tal-awdjo bejn il-vettura u l-istess PSAP tal-eCall;**
- (2c) 'sett minimu ta' data' (MSD) tfisser l-informazzjoni ddefinita bl-istandard 'Sistemi tat-trasport intelliġenti — eSafety — Sett minimu ta' data (MSD) għall-eCall' (EN 15722:2011) li tintbagħhat lill-PSAP tal-eCall;**
- (2d) 'network pubbliku tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili' tfisser network tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili disponibbli għall-pubbliku f'konformità mad-Direttiva 2002/21/KE¹¹ u mad-Direttiva 2002/22/KE¹² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;**
- (2e) 'eCall sostnuta minn servizzi terzi'¹³ (TPS eCall) tfisser sejħa ta' emerġenza minn ġol-vettura lil fornitur ta' servizz terz (TPSP), magħmula jew b'mod awtomatiku permezz tal-attivazzjoni ta' sensuri mmuntati fil-vettura jew b'mod manwali, li twassal, permezz ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili, is-sett minimu ta' data (MSD) u tistabbilixxi kanal tal-awdjo bejn il-vettura u t-TPSP;**
- (2f) 'Fornitur ta' servizz terz' (TPSP) tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta mill-awtoritajiet nazzjonali li jkollha l-permess li tirċievi TPS eCall u tgħaddi s-sett minimu ta' data (MSD) lill-PSAP tal-eCall;**
- (2g) 'Sistema eCall għal servizzi terzi mmuntata fil-vettura' tfisser sistema attivata jew b'mod awtomatiku permezz ta' sensuri mmuntati fil-vettura jew b'mod manwali, li twassal, permezz ta' networks pubbliċi tal-komunikazzjoni mobbli mingħajr fili, is-sett minimu ta' data (MSD) u tistabbilixxi kanal tal-awdjo bejn il-vettura u t-TPSP.**

¹¹ **ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33.**

¹² **ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.**

¹³ **RO:** hija kontra r-regolazzjoni ta' servizzi ta' partijiet terzi f'dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Obbligi ġenerali tal-Manifatturi

Il-manifatturi għandhom juru li t-tipi l-ġodda kollha ta' vetturi msemija fl-Artikolu 2 huma mġammra b'sistema eCall immuntata fil-vettura, f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-atti adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Obbligi speċifiċi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li tipi l-ġodda kollha ta' vetturi **u s-sistemi eCall immuntati fil-vettura, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom imfassla u mibnija għal tali vetturi** huma mmanifatturati u approvati f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.
2. Il-manifatturi għandhom juru li t-tipi l-ġodda kollha ta' vetturi tagħhom huma mibnija b'tali mod li jiżguraw li f'każ ta' inċident gravi, **li jkun individwat bl-attivazzjoni ta' sensur u/jew proċessur wieħed jew aktar fil-vettura**, li jsir fit-territorju tal-Unjoni, ikunu kapaċi jagħtu bidu b'mod awtomatiku għal eCall lin-numru tal-emerġenza 112.

Il-manifatturi għandhom juru li **t-tipi** l-ġodda **ta'** vetturi huma mibnija b'tali mod li jiżguraw li l-eCall lin-numru uniku Ewropew tal-emerġenza 112 jista' jsir ukoll b'mod manwali.

Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-kontroll li jagħti bidu b'mod manwali għal eCall ikun imfassal biex jiġi evitat li jiġi attivat bi żball.

- 2a. Il-paragrafu 2 huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' sid il-vettura li juża sistema TPS eCall immuntata fil-vettura li tipprovdi servizz simili, minbarra s-sistema eCall ibbażata fuq in-numru 112, dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:**

(a) is-sistema TPS eCall immuntata fil-vettura għandha tkun konformi mal-istandard EN 16102:2011 'Sistemi ta' trasport intelliġenti – eCall – Rekwiżiti tal-operat għas-sostenn minn parti terza';

(b) il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkun hemm sistema waħda biss attiva f'ħin wieħed u li s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 tibda taħdem awtomatikament fil-każ li s-sistema TPS eCall immuntata fil-vettura ma tkunx qed taħdem;¹⁴

(c) il-manifatturi għandhom jinkludu, fil-manwal tas-sid, li fi kwalunkwe ħin is-sid jista' juża s-sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112 minflok is-sistema TPS immuntata fil-vettura.

3. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li r-riċevituri fis-sistemi **eCall** immuntati fil-vetturi huma kompatibbli mas-servizzi ta' pożizzjonament provduti bis-sistemi Galileo u EGNOS. **Barra minn hekk, il-manifatturi jistgħu jagħżlu wkoll il-kompatibbiltà ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita.**

4. Dawk is-sistemi eCall immuntati fil-vetturi li jistgħu jiġu ttestjati biss għandhom jiġu aċċettati għall-għanijiet tal-approvazzjoni tat-tip **KE**.

5a. Il-manifatturi għandhom juru li, fil-każ ta' falliment kritiku tas-sistema li jirriżulta fl-inabbiltà li ssir eCall ibbażata fuq in-numru 112 jew TPS eCall, għandha tingħata twissija lill-okkupanti tal-vettura. 6. Is-sistema eCall immuntata fil-vettura **u s-sistema TPS eCall immuntata fil-vettura** għandhom ikunu aċċessibbli għall-operaturi indipendenti kollha mingħajr diskriminazzjoni għall-finijiet ta' tiswija u ta' manutenzjoni **f'konformità mar-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi**¹⁵.

¹⁴ RO: hija kontra din l-emenda.

¹⁵ **ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.**

7. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 li jistabbilixxi r-rekwiżiti u t-testijiet tekniċi ddettaljati tal-approvazzjoni tat-tip **KE tal-vetturi fir-rigward tas-sistemi eCall tagħhom** immuntati fil-vetturi u **l-approvazzjoni tat-tip KE tas-sistemi eCall, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom**.

Ir-rekwiżiti u t-testijiet tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi **2, 2a**, 3, 4, **5a** u 6 u fuq l-istandards li ġejjin, kif meħtieġ:

(-a) EN 15722:2011 'Sistemi ta' trasport intelliġenti - eSafety - sett minimu ta' data għall-eCall';

- (a) EN 16072:**2011** 'Sistemi ta' trasport intelliġenti – ESafety – Rekwiżiti tal-operat ta' eCall pan-Ewropew';
- (b) EN 16062:**2011** 'Sistemi ta' trasport intelliġenti - ESafety – Rekwiżiti ta' applikazzjoni ta' livell għoli għall-eCall (HLAP)';
- (c) EN 16454:**2013** 'Sistemi ta' trasport intelliġenti - eSafety - ittestjar għall-konformità minn tarf sa ieħor tal-eCall', fir-rigward tal-konformità tas-sistema eCall immuntata fil-vettura mal-eCall pan-Ewropew;

(ca) EN 16102:2011 'Sistemi ta' trasport intelliġenti - eCall - Rekwiżiti tal-operat għas-sostenn minn parti terza';

- (d) kwalunkwe standard Ewropew addizzjonali **relatat mas-sistema eCall adottat f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1025/2012** jew ir-Regolamenti tal-UNECE relatati mas-sistemi eCall **li huma vinkolanti għall-Unjoni**.

Dawn l-atti delegati għandhom jiġu adottati sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

8. **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9 sabiex taġġorna l-verżjonijiet tal-istandards imsemmija fil-paragrafu 7 meta tiġi adottata verżjoni ġdida.**

Artikolu 6
Regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data

-1. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 95/46/KE u 2002/58/KE. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jkun konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali previsti f'dawk id-Direttivi.

1. **Il-manifatturi għandhom jiżguraw li s-sistema eCall immuntata fil-vettura ma tistax tiġi traċċata u mhijiex soġġetta għal kwalunkwe detezzjoni kostanti¹⁶ qabel ma jingħata bidu għal eCall. Fil-memorja interna tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, huwa permess li jinżammu l-pożizzjonamenti preċedenti tal-vettura, iżda dik id-data għandha titneħħa kontinwament biex jiġi żgurat li tinżamm biss id-data meħtieġa strettament biex jiġu speċifikati l-pożizzjonament attwali u d-direzzjoni 'l fejn sejra l-vettura. Din l-informazzjoni ma għandiex tkun disponibbli barra mis-sistema mmuntata fil-vettura għal xi entità qabel jingħata bidu għal eCall.**

It-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza għandhom jiġu inkorporati fis-sistema eCall immuntata fil-vettura sabiex jipprovdu lill-utenti tal-eCall bil-livell **adatt** ta' protezzjoni tal-privatezza, kif ukoll bis-salvagwardji neċessarji biex jipprevjenu s-sorveljanza u l-użu ħażin ta' din is-sistema.

2. Is-sett minimu ta' data mibgħut mis-sistema eCall immuntata fil-vettura għandu jinkludi biss l-informazzjoni minima **kif imsemmija fl-istandard EN 15722:2011 "Sistemi ta' trasport intelliġenti - eSafety - sett minimu ta' data għall-eCall (MSD)".**

2a. Id-data personali inkluża fis-sistema eCall immuntata fil-vettura ma għandhiex tinżamm għal żmien itwal milli jkun meħtieġ għat-trasmissjoni tagħha lill-PSAP adatt. Id-data ppreżentata għandha tintuża biss għall-fini li għaliha tkun ġiet ippreżentata.

Għandha titħassar hekk kif ma tkunx aktar meħtieġa għall-fini li għaliha tkun ingābret.

¹⁶ SI: issuġġeriet li titħassar il-kelma "kostanti".

3. **Fil-manwal tas-sid** il-manifatturi għandhom jipprovdu informazzjoni ċara u komprensiva dwar l-ipproċessar tad-data li jsir permezz tas-sistema eCall immuntata fil-vettura, b'mod partikolari dwar:
- (a) ir-referenza għall-bażi legali tal-ipproċessar;
 - (b) il-fatt li s-sistema eCall immuntata fil-vettura tiġi attivata b'mod awtomatiku;
 - (c) il-modalitajiet tal-ipproċessar tad-data li jsir bis-sistema eCall immuntata fil-vettura;
 - (d) l-għan tal-ipproċessar tal-eCall;
 - (e) it-tipi ta' data miġbura u pproċessati u d-destinatarji ta' dik id-data,
 - (f) il-limitu ta' żmien għaż-żamma tad-data fis-sistema **eCall** immuntata fil-vettura;
 - (g) il-fatt li ma hemm l-ebda detezzjoni kostanti tal-vettura **gabel jingħata bidu għal eCall**;
 - (h) il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data **kif ukoll is-servizz ta' kuntatt responsabbli biex jittratta t-talbiet**;
 - (i) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa rigward l-ipproċessar ta' data personali b'rabta mal-forniment ta' servizz ta' **TPS** eCall u/jew servizzi oħra ta' valur miżjud.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni** li għandhom jiddefinixxu **fid-dettall** ir-rekwiżit tan-nuqqas ta' traċċabbiltà u ta' detezzjoni u t-teknoloġiji li jtejbju l-privatezza msemmija fil-paragrafu 1 kif ukoll il-modalitajiet tal-ipproċessar ta' data **personali** u tal-informazzjoni tal-utent imsemmija fil-paragrafu 3. **Dawk l-atti għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9b(2). Huma għandhom jiġu adottati sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].**

Meta jkun possibbli, fl-atti ta' implimentazzjoni l-Kummissjoni għandha ttiprovdi test standard li għandu jintuża mill-manifatturi fir-rigward tal-informazzjoni li għandhom jipprovdu f'konformita' mal-paragrafu 3.

Artikolu 7
Obbligi tal-Istati Membri

B'effett minn **[36 xahar wara d-dħul fis-seħħ]**, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħtu l-approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward tas-sistema eCall immuntata fil-vettura lit-tipi ta' vetturi ġodda **u lit-tipi l-ġodda ta' sistemi eCall, lill-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tagħhom imfassla u mibnija għal tali vetturi**, li huma konformi ma' dan ir-Regolament u mal-atti adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 9
Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemija **fl-Artikolu 2(2) u** fl-Artikolu 5 (7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal **perijodu ta' 5 snin** minn [...] [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk joġġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ].
3. Id-delega tas-setgħa msemija **fl-Artikolu 2(2) u** fl-Artikolu 5(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-**Artikolu 2(2) u** l-Artikolu 5(7), għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumix se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9a
Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9b(2), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-miżuri ta' implimentazzjoni li ġejjin:

- (a) il-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip KE;
- (b) is-sistema ta' numerazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip;
- (c) il-mudell għad-dokumenti ta' informazzjoni;
- (d) il-mudell għaċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip KE;
- (e) il-proċedura għall-marka tal-approvazzjoni tat-tip KE.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati sa [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ].

Artikolu 9b
Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill- "Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur" (TCMV) stabbilit bl-Artikolu 40(1) tad-Direttiva 2007/46/KE. Dak il-kumitat huwa kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 10
Pieni għal nuqqas ta' konformità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għan-nuqqas ta' konformità mill-manifatturi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u **mal-atti adottati skont dan ir-Regolament**. **Huma** għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li jiġu implimentati l-**pieni** kollha. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni u għandhom jinnotifikawha wkoll, mingħajr dewmien, b'kull emenda li taffettwahom.
2. It-tip ta' nuqqas ta' konformità li huwa soġġett għal piena għandu jinkludi minn tal-inqas dan li ġej:
 - (a) dikjarazzjoni falza matul il-proċedura ta' approvazzjoni jew il-proċedura li twassal għal revoka;
 - (b) iffalsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni tat-tip;
 - (c) iż-żamma ta' data jew ta' speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għal revoka, **rifjut** jew irtirar tal-approvazzjoni tat-tip;
 - (d) imġiba li tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(6).**

Artikolu 11
Emendi għad-Direttiva 2007/46/KE

L-Annessi I, III, IV, VI u XI għad-Direttiva 2007/46/KE huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn **[36 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]**.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Emendi għad-Direttiva 2007/46/KE

Id-Direttiva 2007/46/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

- (1) Fl-Anness I, jiżdiedu l-punti 12.8, 12.8.1. **u 12.8.2** li ġejjin:

"12.8 sistema eCall

12.8.1 Preżenza: iva/le (1)

12.8. **2** deskrizzjoni jew disinni **tekniki tal-apparat:.....**";

- (2) Fl-Anness III, Parti I, Taqsima A, jiżdiedu l-punti 12.8 u 12.8.1 li ġejjin:

"12.8 sistema eCall

12.8.1 Preżenza: iva/le (1)";

- (3) Il-Parti **I** tal-Anness IV għandha tiġi emendata kif ġej:

- (a) Fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Applikabbiltà									
			M ₁	M ₂	M ₃	N ₁	N ₂	N ₃	O ₁	O ₂	O ₃	O ₄
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*	X			X						

* **ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament**

(b) L-Appendiċi 1 għandu jġi emendat kif ġej:

(i) fit-tabella 1 jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*		Mhux applikabbli

(ii) fit-tabella 2 jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Att regolatorju	Kwistjonijiet speċifiċi	Applikabbiltà u rekwiżiti speċifiċi
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*		Mhux applikabbli

* **ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.**

(c) L-Appendiċi 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-Parti I, il-paragrafu 4 jiżdied il-punt 71 li ġej: Vetturi tal-kategorija M₁:

<u>Punt</u>	<u>Referenza tal-att regolatorju</u>	<u>Rekwiżiti alternattivi</u>
<u>71</u>	<u>Regolament (UE)</u> <u>Nru.</u> <u>(sistemi eCall)</u>	<u>Ir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.</u>

(ii) fil-paragrafu 4, Parti I jiżdied il-punt 71 li ġej: Vetturi tal-kategorija N₁:

<u>Punt</u>	<u>Referenza tal-att regolatorju</u>	<u>Rekwiżiti alternattivi</u>
<u>71</u>	<u>Regolament (UE)</u> <u>Nru.</u> <u>(sistemi eCall)</u>	<u>Ir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.</u>

(4) Fl-Appendiċi għall-Mudell A fl-Anness VI, fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Referenza tal-att regolatorju ⁽¹⁾	Kif emendat bi	Applikabbli għall-verżjonijiet
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*		

(6) L-Anness XI għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) FI-Appendiċi 1 tal-Anness XI, fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Referenza tal-att regolatorju	$M_1 \leq 2\,500\text{ (}^1\text{) kg}$	$M_1 > 2\,500\text{ (}^1\text{) kg}$	M_2	M_3
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*	<u>G</u>	<u>G</u>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

(b) FI-Appendiċi 2 tal-Anness XI, fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Referenza tal-att regolatorju	M_1	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*	<u>G</u>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	<u>G</u>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

FI-Appendiċi 3 tal-Anness XI, fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Referenza tal-att regolatorju	M_1
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*	<u>G</u>

FI-Appendiċi 4 tal-Anness XI, fit-tabella jiżdied il-punt 71. li ġej:

Punt	Suġġett	Referenza tal-att regolatorju	M_2	M_3	N_1	N_2	N_3	O_1	O_2	O_3	O_4
71.	sistema eCall	Regolament (UE) Nru.....*	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	<u>G</u>	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.